**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 1214/2020 GM**

**Carmelo Caruana [Karta tal-identita` numru: 0269633 (M)]**

**u**

**Martin Giordmaina [Karta tal-identita` numru: 429041 (M)]**

**vs**

**L-Av. Dr Maria Karlsson LL.D. u l-Prokuratur Legali Davina Ellul Sullivan li b'digriet tal-20 ta' Settembru 2021 ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw persuni mhux magħrufa li fi żmien kellhom xi drittijiet fuq il-proprjeta`**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Carmelo Caruana u Martin Giordmaina li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Ir-rikorrenti Carmelo Caruana ilu juża' r-raba' magħrufa 'Ta Wied iż-Żebbuġ', liema porzjon ta' art indikata bħala Plot 1 fuq il-pjanta annessa u mmarkata bħala DOK A għal aktar minn ħamsin sena;

2. Din l-istess raba' qabel ma kienet fil-pussess tar-rikorrenti Carmelu Caruana, kienet fil-pussess ta' missieru Pawlu Caruana u ta' bużnannuh ukoll;

3. Inoltre huma qatt ma ġew molestati fil-pussess ta' tali raba' u qatt ma ġew avviċinati minn xi ħadd li vvanta xi drittijiet fuq l-istess art;

4. F' din l-istess porzjon ta' raba', ir-rikorrenti Carmelu Caruana kien anke irabbi l-bhejjem, ibiegħ il-bajtar tax-xewk għal l-ikel u l-pal tal-bajtar sabiex jintuża bħala għalf għal bhejjem;

5. La r-rikorrenti Carmelu Caruana u lanqas missieru la qatt ħallsu xi kera u lanqas qbiela lil ħadd fuq il-porzjoni ta' raba' indikata bħala Plot 1 u dejjem żammew din il-porzjoni ta' raba' bħala tagħhom u dejjem użawha u gawdewha bħala tagħhom;

6. F'dik il-porzjon ta' raba' indikata bħala plot 1 hemm kamra żgħira, bitħa u kamra oħra akbar minnha. Hemm kamra oħra li tiġi fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u li hija aċċessibbli b'taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u r-rikorrenti Carmelo Caruana għandu u juża' l-biċċa li tinsab fuq in-naħa tax-xellug meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata. Dawn il-kmamar ir-rikorrenti Carmelu Caruana dejjem użahom għal ħtiġijiet tiegħu nkluż it-trobbija ta' bhejjem u biex jaħżen il-magħlef u cjoe' tiben, silla u prodotti oħrajn. Fihom ġieli ħażen ukoll il-kaxxi li fihom jitpoġġa l-basal;

7. L-esponenti Carmelu Caruana għandu interess li jiġi dikjarat li huwa s-sid uniku u esklussiv tar-raba' magħrufa 'Ta Wied iż-Żebbuġ', liema porzjon ta' art indikat bħala Plot 1 fuq il-pjanta annessa u mmarkata DOK A, tal-kamra żgħira, bitħa u kamra oħra akbar minnha li jinsabu f'dik il-porzjon, kif ukoll ta' nofs kamra oħra li tiġi fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u li hija aċċessibbli b'taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u cjoe dik il-parti u dik il-biċċa li tinsab fuq in-naħa tax-xellug meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata.

8. Ir-rikorrenti Martin Giordmaina ilu juża' r-raba' magħrufa 'Ta Wied iż-Żebbuġ', liema porzjon ta' art indikata bħala Plot 2 fuq il-pjanta annessa u mmarkata bħala DOK A għal aktar minn għaxar snin;

9. Din l-istess raba' qabel ma kienet fil-pussess tar-rikorrenti Martin Giordmaina, kienet fil-pussess ta' missieru Salvu. Ir-rikorrenti Martin Giordmaina sa minn ċkunitu jiftakar lil missieru jahdem dar il-porzjon ta' raba';

10. F'dan l-istess porzjon ta' raba' indikat bħala Plot 2, kien hemm żewġt ikmamar ħdejn xulxin immarkati fuq pjanta annessa u mmarkata DOK A illi waħda minnhom kienet tintuża nofsha bħala garage ta' karozza ta' missieru u l-parti l-oħra

biex jiġi maħżun l-basal. Il-kamra l-oħra dejjem intużat bħala store;

11. Salvu Giordmaina kien ibiegħ il-bajtar tax-xewk għal l-ikel u l-pal tal-bajtar sabiex jintuża bħala għalf għal bhejjem;

12. La r-rikorrenti Martin Giordmaina u lanqas missieru Salvu la qatt ħallsu xi kera u lanqas qbiela lil ħadd fuq il-porzjoni ta' raba' indikata bħala Plot 2 u dejjem żammew din il-porzjoni ta' raba' bħala tagħhom u dejjem żammewha, użawha u gawdewha bħala tagħhom;

13. Inoltre huma qatt ma ġew molestati fil-pussess ta' tali raba' u qatt ma ġew avviċinati minn xi ħadd li vvanta xi drittijiet fuq l-istess art;

14. F'dik il-porzjon ta' art immarkata bħala Plot 2, hemm kamra li tiġi fuq proprjeta` ta' ħaddieħor u li hija aċċessibbli b'taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u r-rikorrenti Martin Giordmaina għandu u juża' l-biċċa li tinsab fuq in-naħa tal-lemin meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata. F'dik in-nofs kamra missier ir-rikorrenti Martin Giordmaina ħażen u l-istess rikorrenti baqa' jaħżen il-magħlef u ċjoe' t-tiben u s-silla.

15. Ir-rikorrenti Martin Giordmaina għandu interess li jiġi dikjarat li huwa s-sid uniku u esklussiv tar-raba' magħrufa 'Ta Wied iż-Żebbuġ' liema porzjon ta' art indikata bħala Plot 2 fuq il-pjanta annessa u mmarkata bħala DOK A, kif ukoll tan-nofs il-kamra li tiġi fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u li hija aċċessibbli b'taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u ċjoe` ta' dik il-parti u dik il-biċċa li tinsab fuq in-naħa tal-lemin meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Ir-rikorrent Carmelo Caruana jiġi dikjarat li huwa s-sid uniku u esklussiv tar-raba' magħrufa 'Ta Wied iż-Żebbuġ', liema porzjon ta' art indikat bħala Plot 1 fuq il-pjanta annessa u mmarkata DOK A, tal-kamra żgħira, bitħa u kamra oħra akbar minnha li jinsabu f'dik il-porzjon, kif ukoll ta' nofs kamra oħra li tiġi fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u li hija aċċessibbli b'taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u ċjoe` dik il-parti u dik il-biċċa li tinsab fuq in-naħa tax-xellug meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata.

2. Ir-rikorrent Martin Giordmaina jiġi dikjarat li huwa s-sid uniku u esklussiv tar-raba' magħrufa 'Ta Wied iż-Żebbuġ' liema porzjon ta' art indikata bħala Plot 2 fuq il-pjanta annessa u mmarkata bħala DOK A, kif ukoll tan-nofs il-kamra li tiġi fuq proprjeta` ta' ħaddieħor u li hija aċċessibbli b'taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u ċjoe` ta' dik il-parti u dik il-biċċa li tinsab fuq in-naħa tal-lemin meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata.

Rat ir-Risposta ta' Dr Maria Karlsson noe et li permezz tagħha eċċepiet illi :

Ġiet maħtura bħala kuratur deputat b'diġiret tat-20 ta' Settembru, 2020 flimkien mall-Prokuratur Legali Davinia Ellul Sullivan b'digriet sabiex jirrappreżentaw persuni mhux magħrufa li fi żmien kellhom xi drittijiet fuq il-proprjeta' mertu tal-kawża.

Mhumiex edotti mill-fatti u għaldaqstant irriżervaw id-dritt li jagħmlu eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Rat l-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat:

L-atturi kkonfermaw bil-mezz tal-affidavit dak li allegaw fil-premessi tar-rikors promotur tagħhom. Ikkorroboraw l-istqarrijiet tagħhom permezz tax-xhieda ta' John Galea, kuġin ta' wieħed minnhom u li għandu raba' viċin ta' dik mertu ta' din il-kawża.

Il-kuratur Dottoressa Maria Karlsson stqarret waqt l-udjenza tat-2 ta' Frar 2023 li għamlet mezz sabiex issir taf ta' min hi l-art *de quo*, iżda b'eżitu negattiv. M'għamlitx kontro-eżamijiet tax-xhieda, iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq u rrimettiet ruħha għall-atti.

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-atturi ppruvaw sal-grad rikjest mil-liġi dak li jallegaw fil-premessi tagħhom u ċjoe` l-pussess *animo domini* kontinwu, paċifiku, u mhux interrott għal iktar minn tletin sena tal-porzjonijiet rispettivi ta' raba' hemm imsemmi.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li l-attur Carmelo Caruana huwa s-sid uniku u esklussiv tal-porzjon raba’ magħrufa bħala *Ta’ Wied iż-Żebbuġ*, indikata bħala Plot 1 fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok. A, tal-kamra żgħira, bitħa u kamra oħra akbar minnha li jinsabu f’dik il-porzjon, kif ukoll ta’ nofs kamra oħra li tiġi fuq proprjeta` ta’ ħaddieħor u li hija aċċessibbli b’taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u ċjoe` dik il-parti u dik il-biċċa li tinsab fuq in-naħa tax-xellug meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li l-attur Martin Giordmaina huwa s-sid uniku u esklussiv tal-porzjon raba’ magħrufa *Ta’ Wied iż-Żebbuġ* indikata bħala Plot 2 fuq il-pjanta annessa u mmarkat bħala DOK A, kif ukoll tan-nofs il-kamra li tiġi fuq proprjeta` ta’ ħaddieħor u li hija aċċessibbli b’taraġ minn barra, liema kamra hija maqsuma fi tnejn u ċjoe’ ta’ dik il-parti u dik il-biċċa li tinsab fuq in-naħa tal-lemin meta qed tħares lejn il-kamra mill-faċċata.

Spejjeż inklużi dawk tal-kuraturi a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA